Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/25*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 25 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Ġimgħa 30 ta' Jannar, 2015 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Mario Mizzi.

Il-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud infurmat lis-Segretarju Eżekuttiv li ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa għal raġunijiet ta' mard. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud għandha tiġi skużata. Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attendenza tal-Kunsilliera Mifsud matul din il-laqgħa.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien ġej minn Malta iżda ser jittardja għar-raġuni li kien ħafna maltemp u l-vapur kien qed idum. Is-Sindku kien qed isegwi din il-laqgħa permezz tal-mobajl u anke l-internet. Għalhekk fil-bidu l-laqgħa kienet presjeduta mill-Viċi Sindku. X'ħin wasal is-Sindku huwa kompla jippresjedi l-laqgħa.

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti 7-24

Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Attendenza tal-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li skond l-Att tal-Kunsilli Lokali Art. Nru 18 huwa għandu jgħarraf lill-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali meta xi Kunsillier jonqos għal erba' laqgħat konsekuttivi jew aktar minn terz tal-laqgħat fi żmien sitt xhur. Il-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud se tkun naqset aktar minn terz tal-laqgħat bejn Awwissu 2014 u Jannar 2015. Għalhekk dan is-suġġett għandu jiġi diskuss mill-Kunsill. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv infurmaw lill-Kunsill li l-Kunsilliera Mifsud tinsab rikoverata l-isptar u għalhekk bħalissa hija indisposta. Il-

Kunsill qabel unanimament li għandu jirrikomanda lill-Ministru sabiex ma jiddikjarax li l-post ta' Kunsillier huwa vakant. Is-Sindku u l-Kunsilliera jawguraw lill-Kunsilliera Mifsud fejqan ta' malajr.

**4. Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2014**

Is-Sindku u l-Kunsill iddiskutew dwar il-ħidma tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2014 mal-Kunsill Lokali L-Għasri. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jiġi rakkomandat lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex is-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-Performance Bonus sħiħ (10%).

**5. Proġetti Kapitali**

Ms Paulanne Mamo Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar opportunita għall-Kunsilli biex jissottomettu proposti għall-proġetti kapitali fil-lokalitajiet tagħhom. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għal seminar li sar apposta biex tiġi varata din l-iskema. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna napplikaw sabiex nagħmlu Triq il-Fanal bit-tarmak. F'din it-triq hemm il-villaġġ turistiku u diversi farmhouses li jinkrew lit-turisti u għalhekk huwa importanti li jitjieb l-aċċess u l-ambjent ta' dawn l-inħawi. Il-Perit Saliba intalab jagħmel stima tal-proġett sabiex tkun tista' issir l-applikazzjoni.

**6. Korrispondenza**

6.01 Memo 31/2014 – Spejjeż għal ġbir ta' skart wara li jittella' Suq fil-Beraħ.

6.02 Memo 32/2014 – Spejjeż għal Servizzi Speċjalizzati mitluba mill-Kunsilli Lokali.

6.03 Memo 33/2014 – Talbiet minn Ministeri jew Entitajiet Governattivi.

6.04 Memo 34/2014 – Aġġornamenti tal-Laqgħat tal-Kunsilli Lokali.

6.05 Memo 01/2015 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja.

6.06 Memo 02/2015 – Elezzjonijiet għall-Kunsilli Lokali (April 2015)

6.07 Memo 03/2015 – Devoluzzjoni ta' siti u propjeta pubblika lill-Kunsilli Lokali

6.08 Memo 04/2015 – Kumitat tal-Finanzi

6.09 George Zammit mill-Ministeru Għal Għawdex kien talab biex titranġa mera tat-traffiku fi Triq Wied Sara u anke tiġi ippeċjata l-istess triq. Dan ix-xogħol sar u George Zammit kiteb email oħra fejn irringrazzja lill-Kunsill tax-xogħol li sar fi żmien qasir. Huwa talab sabiex jinqata' l-ħaxix ħażin ukoll. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li diġa kellem lill-kuntrattur konċernat sabiex jinqata' l-ħaxix.

6.10 Il-Perit Audrey Testaferrata minn Transport Malta infurmat lill-Kunsill li ġew approvati biex in-naħa ta' fuq fi Sqaq il-Knisja isiru sinjali sofor biex ma jipparkjawx vetturi. Il-Kunsill kien talab biex isir 'Keep Clear'. Il-Kunsill qabel li jsiru s-sinjali kif approvat minn Transport Malta.

6.11 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill li l-allokazzjoni għas-sena 2015 se tkun €163,698.

6.12 Etienne Scicluna mill-Monitoring Unit tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għal fatt li s-sena 2013 spiċċat b'deficit ta' €25,830. Huwa talab ir-raġuni għalfejn sar dan id-dejn u avża lill-Kunsill sabiex jirregola il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv infurmaw lill-Kunsill li diġa bagħtu tweġiba għal din l-ittra. Il-Kunsill matul is-sena 2014 qagħad ferm attent biex ma jagħmilx spejjeż u ma jibdix proġetti ġodda. Bħalissa qed isiru l-Financial Statements għas-sena 2014 u huwa mistenni li jibqa' bilanċ. B'hekk id-dejn ser ikun eliminat kollu.

6.13 Clifford Vella talab il-permess tal-Kunsill biex fuq key chains li se jagħmel ikun jista' juża l-emblema tal-Kunsill flimkien ma' ritratt ta' postijiet ta' interess bħal Wied L-Għasri. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni u għalhekk Clifford Vella se jkun infurmat.

6.14 Mariano Gauci ta' Triq Għammar informa lill-Kunsill li kif għamel fl-aħħar snin se jerġa' itella' wirja ta' żmien il-Ġimgħa l-Kbira. Huwa qed jitlob il-koperazzjoni tal-Kunsill sabiex jipprintja l-avviżi u ktejjeb reletat ma' din l-attivita. Is-Sindku qal li huwa jaqbel li għandna ngħinu sabiex tittella' din il-wirja fir-raħal tagħna. Il-Kunsill qabel mas-Sindku u għalhekk se jiġu pprintjati l-avviżi u l-ktejjeb li fuqhom irid ikun hemm imniżżel li din l-attivita qed issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li l-ispiża ma'għandix tkun ta' aktar minn €100. Mariano Gauci se jiġi infurmat dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill.

6.15 Deborah Pace mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali infurmat lill-Kunsill li l-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ Mario Mizzi għalaq it-tmintax 'l sena u għalhekk irid jinħatar Ambaxxatur ġdid. Is-Sindku informa lill-Kunsill li diġa ħareġ avviż biex kull min huwa interessat japplika. Fil-fatt applikaw żewġ żgħażagħ li huma Maria Zammit u Matthew Attard. Il-Kunsill qabel unanimament li ż-żewġ żgħażagħ huma tajbin għal din il-ħatra u għalhekk qabel li għandu jittella' isem bix-xorti biex jintgħażel l-Ambaxxatur l-ġdid. Matthew u Maria se jiġu mitluba jattendu għal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill sabiex xi ħadd minnhom jinħatar Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ.

6.16 L-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ Mario Mizzi bagħat ittra ta' ringrazzjament lill-Kunsill. Mario Mizzi kien preżenti għal din il-laqgħa u għalhekk qara l-ittra tiegħu. Huwa irringrazzja lill-Kunsill tal-opportunita li tah u tal-esperjenza li akkwista matul iż-żmien li ilu f'din il-ħatra. Is-Sindku f'isem il-Kunsill irringrazzja lil Mario Mizzi u awguralu kull suċċess għall-futur tiegħu.

6.17 L-AKL infurmat lill-Kunsill dwar konferenza bl-isem "Energy Efficiency Capacity Building Workshop" li ser isir nhar il-Ħamis 12 ta' Frar.

## 7. Ħlas ta' Kontijiet

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-25 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 8. Materja oħra

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kawża tal-maltemp li għamel fl-aħħar tas-sena u bidu ta' dan din is-sena kienu waqgħu żewġ ħitan, wieħed fi Triq Gallina u ieħor fi Triq Wied l-Għasri. Dawn kienu perikolużi ħafna u għalhekk kien jinħtieġ li tittieħed azzjoni immedjatament. Huwa kien talab stima tax-xogħol lill-Kuntrattur Anton Mintoff biex isir ix-xogħol meħtieġ. L-istima ta' Triq tal-Gallina hija ta' €895 (VAT eskluż) għat-taħmil u €725 (VAT eskluż) għall-bini tal-ħajt. L-istima ta' Triq Wied l-Għasri hija ta' €600 (VAT eskluż) għat-taħmil u €410 (VAT eskluż) għall-bini tal-ħajt. Biex jitneħħa kull periklu s-Sindku ordna li jsir dan ix-xogħol malajr kemm jista' jkun. Il-Kunsill qabel mal-azzjoni li ħa s-Sindku biex jitneħħa kull periklu u jsir ix-xogħol meħtieġ.

8.02 Anton Zammit ta' Triq Dun Karm Caruana talab li jingħata materjal biex jagħmel il-bankina peress li kienet fi stat perikoluż. Il-Kunsill qabel li nagħtuh il-materjal li għandu bżonn. Ix-xogħol fuq din il-bankina se jagħmlu huwa stess.

8.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-attivita ta' partita futbol għaż-żgħażagħ kienet tħasret minħabba l-maltemp. Din tista' terġa' tiġi organizzata aktar 'l quddiem. Is-Sindku ippropona wkoll sabiex tiġi organizzata ħarġa għal barra minn Malta. Id-destinazzjoni suġġerita hija Sqallija. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill ma tippermettix li jsiru spejjeż mill-Kunsill dwar attivita bħal din. Is-Sindku qal li l-Kunsill mhux se jidħol fi spejjeż għaliex dawk li jkunu interessati iħallsu kollox huma stess.

8.04 Is-Sindku ippropona sabiex jiżdiedu l-ixkaffi tal-librerija peress li m'għadx baqa' fejn jitpoġġew il-kotba ġodda li inxtraw dan l-aħħar. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jiġbor stima biex isiru l-ixkaffi. Is-Sindku qal ukoll li fil-librerija hemm bżonn li jkun hemm titjieb fis-sistema tad-dawl peress li bl-ixkaffar parti minnha hija mudlama. Il-Kunsill qabel ukoll li s-Sindku għandu jiġbor stima biex isir ix-xogħol meħtieġ konness mas-sistema tad-dawl.

8.05 Is-Sindku ippropona li titranġa l-veranda tal-Kunsill li hemm in-naħa ta' wara peress li hemm partijiet li qed jaqgħu u diġa inkixfu l-vireg. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jiġbor stima biex issir il-manutenjoni meħtieġa.

8.06 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ħaddiem Spiro Farrugia li qiegħed taħt l-iskema tal-ETC kien kelmu dwar spejjeż li għamel fil-vettura tiegħu. Dan il-ħaddiem iġorr l-għodda u anke xkejjer tas-siment, ramel u żrar fil-karozza tiegħu u għalhekk is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jerfa' parti mill-ispiża li għamel. Kieku ma jużax il-karozza tiegħu l-Kunsill irid jara kif se jagħmel biex iġorr il-materjal u l-għodda li jkun hemm bżonn biex ikun jista' jaħdem. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna inħallsu parti mill-ispiża.

8.07 Is-Sindku ippropona sabiex parti minn Triq Wied L-Għasri tiġi imwittija permezz taż-żrar u ramel peress li tinsab fi stat ħażin ħafna speċjalment wara l-maltemp li għamel. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ mill-kuntrattur Anton Mintoff.

8.08 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-materjal tal-patching li sar dan l-aħħar ma kienx tajjeb u għalhekk ma għandux jitħallas.

8.09 Paul Tabone ta' Triq il-Knisja talab biex jitranġa l-aċċess għall-għalqa tiegħu fl-istess triq bi ftit siment. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ.

8.10 Theresa Grima ta’ Triq Għammar tal-bet biex jitranġa l-ħajt li waqa’ bil-maltemp għal fuq it-triq. Is-Sindku informa lill-Kunsill li peress li dan kien ta’ periklu huwa kien ikkuntattja lill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ. Fil-fatt ix-xogħol sar mill-ħaddiema tas-CMU.

8.11 Peter Muscat ta’ Triq il-Fanal talab li jingħata ftit materjal għall-bankina peress li qed jirranġha. Ix-xogħol se jagħmlu hu u għalhekk il-Kunsill irid jagħtih biss il-materjal. Il-Kunsill qabel li nagħtuh il-materjal biex jirranġa l-bankina.

8.12 Lora Tabone ta’ Triq il-Knisja talbet sabiex issir xi ħaġa biex residenti tal-vilel ta’ Vecca li hemm fl-istess triq idendlu l-iskart tagħhom magħhom peress li fil-preżent qed jitpoġġa fl-art bil-konsegwena li jqattugħ il-klieb u qtates. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jikkuntattja lis-sidien u jaraw kif din il-problema tista’ tissolva.

8.13 Il-Kunsillier Joseph Farrugia talab biex jitranġa l-aċċess għall-għalqa ta’ Victor Ċini fi Triq il-Knisja. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ.

8.14 Mabbli Grima ta’ Triq Għammar talab sabiex mal-post tiegħu teħel tabella li tindika li sidien tal-klieb għandhom inaddfu meta l-kelb tagħhom iħammeġ fuq il-bankina jew triq. Il-Kunsill qabel li inwaħlu tabella dwar dan.

8.15 Fredu Saliba talab biex titranġa Triq Wied L-Għasri għax hemm ħofor kbar. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ħaddiem tal-Kunsill diġa mar fetaħ biex joħroġ l-ilma tax-xita u b’hekk ikun jista’ jsir ix-xogħol meħtieġ mill-kuntrattur Anton Mintoff kif spjegat aktar kmieni.

8.16 Alfred Attard ta’ Triq Dun Karm Caruana issuġġerixxa sabiex iz-zebra cross li hemm fi Triq il-Fanal quddiem is-supermarket titħarrek jew titneħħa peress li qegħda perikoluża kif inhi. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jitkellem ma’ sid il-ħanut u wara jiġi diskuss u deċiż x’għandu isir.

8.17 Alfred Attard ta’ Triq Dun Karm Caruana issuġġerixxa sabiex fi Triq Muxrabija fejn hemm il-farmhouses issir xi ħaġa biex l-iskart jiddendel magħhom peress li fil-preżent qed jitpoġġa fl-art bil-konsegwenza li jqattugħ il-klieb u qtates. Il-Kunsill qabel li dawn huma kummerċjali u għalhekk l-iskart suppost li jiġbruh huma stess u mhux il-Kunsill. Għalhekk ma qabilx li l-Kunsill għandu jagħmel fejn jiddendel l-iskart għax dan jista’ jkun ifisser li l-Kunsill qed joffri dan is-servizz b’xejn lill-postijiet kummerċjali ukoll. Is-Sindku ippropona li huwa ikellem lis-sidien sabiex jagħmlu xi ħaġa huma u b’hekk ma jibqax ikolna dawn l-ilmenti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ħamis 12 ta’ Frar, 2015 fis-7.15p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-8.45p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |